

# Il-Verità dwar il-Qabar tal-Ingliża f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ



**Minn Joseph Attard Tabone**

MQR

## Kif beda l-interess

L-ewwel darba li smajt bil-Qabar tal-Ingliża kien fil-bidu ta' nofs il-ħamsinijiet (1956), meta d-destin bagħatni Ħal Qormi u hemm tħabbibt mal-klikka tas-Sur Ġużè Cardona. Konna spiss niltaqgħu fl-ispiżerija *Pasteur Pharmacy*, fi Pjazza Santa Katerina; min kien akkanit għal ħaġa u min għal oħra, iżda qatt ma naf li l-argument waqa' fuq il-politika jew il-futbol. Dak iż-żmien s-Sur Cardona kien għalliem tal-Malti l-Liċeo u kien midħla sewwa tal-Istorja ta' Ħal Qormi, tant li kull ftit xhur kien joħroġ *Leħen il-Belt Pinto*.

Fl-istess żmien sirt midħla tas-Sur Ġużeppi Zahra li kien jaħdem bħala *sorter* fl-uffiċċju ċentrali tal-Posta, Il-Belt, u li kien infatwat għal kull ħaġa li kellha x'taqsam mal-arkeoloġija. Kellu librerija mdaqqsa fuq l-Istorja u l-arkeoloġija, kollezzjoni ta' oġġetti antiki u kwantità ta' bċejjeċ tal-fuħħar, il-biċċa l-kbira preistoriċi, miġburin jew misjubin f'siti differenti tal-Gżejjer Maltin. Billi jien minn dejjem kont ninteressa ruħi fl-Istorja kont inħobb nisma' mingħandu d-deskrizzjoni ta' diversi għamliet u disinji tal-fuħħar preistoriku Malti, li dak iż-żmien kien xi ħaġa ġdida għalija. Kien jaf mhux biss b'kull sit arkeoloġiku f'Malta u f'Għawdex, iżda wkoll il-lokalità ta' kull wieħed minnhom u ġieli mort miegħu nżuru xi wieħed minn dawn il-postijiet. Darba wrieni ritratt li xi ħadd kien ħadlu ta' toqba f'forma ta' bieb f'wiċċ irdum. Qalli li dan kien jinsab bejn Wied il-Ħandaq u Wied Qirda, bejn Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ u li n-nies kienu jsejħulu "l-Qabar tal-Ingliża." Kienu jgħidu li mara Ingliża li kienet riekba żiemel fil-viċinanza sabet ruħha mtajra minn fuq il-bhima meta dan nafar u tilfet ħajjitha fuq il-post. L-istorja tkompli li ġiet midfuna fil-qabar li tħaffer fil-blat tal-irdum iħares għal fuq il-post tad-diżgrazzja.

Il-kurżità għamlet bija u jiena u Ġużeppi Zahra fl-aħħar sibna l-ħin biex flimkien immorru naraw il-Qabar tal-Ingliża. Għaddejna minn Wied Qirda għal ħdejn il-***Kappella tal-Viżitazzjoni*** u bqajna mexjin mal-passaġġ qalb kwantità ta' qasab, siġar tal-ħarrub, u tal-lewż. Wara xi kilometru ġejna preċiż taħt it-toqba f'forma ta' bieb, bil-biċċa ta' fuq tad-daħla skolpita b'disinn mhux tas-soltu. Kienet xi seba' metri 'l fuq minn wiċċ l-art u xi ħames metri minn tarf l-irdum. Malli wasalna, Ġużeppi wera li ma kienx jaqbel mal-istorja popolari tal-mara Ingliża, iżda lanqas ried jesprimi xi alternattiva. L-opinjoni tiegħu kienet biss li l-qabar ma kienx bħal oqbra antiki oħra f'Malta; għaldaqstant kien jemmen li dan kien misteru arkeoloġiku.

## Il-misteru tal-qabar

L-ewwel darba li erġajt iltqajt filgħaxija mal-klikka ġewwa *Pasteur Pharmac*y, ġibtilhom id-diskors fuq l-Qabar tal-Ingliża. Id-diskussjoni spiċċat billi ħadd ma kellu idea ċara ta' x'seta' kien dan il-qabar ħlief dak li kienu jgħidu fuqu n-nies. Għalhekk jien ħajjart lis-



Il-qabar magħruf bħala tal-Ingliża, f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ.

Sur Cardona biex fl-ewwel ħarġa ta' *Leħen il-Belt Pinto* jġib nota għal min seta' kellu xi tagħrif dokumentat fuq l-hekk imsejjaħ Qabar tal-Ingliża, billi dak iż-żmien ħafna kienu jaħsbu li dak il-post kien jagħmel mal-konfini ta' Ħal Qormi. Hekk għamel iżda baqa' mingħajr l-ebda risposta.

Għaddew ħafna snin. Ġużè Cardona u Ġużeppi Zahra laħqu mietu t-tnejn kif ukoll dawk kollha tal-klikka, meta fl-20 ta' April 2002 dehret ittra fit-*Times of Malta* ffirmata minn ċertu Mik Fisher minn Weymouth, li bħala student kien jattendi r-Royal Naval School f'Tal-Ħandaq. Dan kiteb hekk: "*In a dry river valley near Tal-Ħandaq there was a rectangular door-like opening carved in the sheer wall of the* wied. *This little puzzle has exercised my mind ever since I set eyes on the feature in 1955*." Huwa għamel appell biex jingħatalu tagħrif dwar meta tħaffer dan il-bieb u għal-liema raġuni. Din l-ittra qatt ma ġiet imwieġba. Sadattant, il-*Kunsill Distrettwali* ta' Ħaż-Żebbuġ ħareġ il-ktieb *Ħaż-Żebbuġ: Storja, Memorja u Identità*, ktieb interessanti dwar l-istorja tar-raħal miktub minn diversi kontributuri. F'taqsima minnhom p. 337-8, is-Sur Frank Galea jaħbat jagħti l-opinjoni tiegħu fuq dan il-bieb. Wara li wera t-tħassib tiegħu fuq ir-rakkont tat-traġedja u d-dfin tal-Ingliża, jgħid li l-istil tad-daħla jfakkrek fl-istili arkitettoniċi qodma ħafna. Jaħseb ukoll li seta' ġie mħaffer ħafna qabel il-ħakma tal-Ingliżi f'Malta u li seta' ħa l-isem wara li mara Ingliża kixfitu. Il-misteru baqa' mdendel sakemm fis-17 ta' Lulju 2011 ġejt mistieden biex nagħti taħdita f'seminar f'Oxford fuq din il-lokalità. Din ġiet ippublikata ma' taħditiet oħra fi ktieb barra minn Malta. Imbagħad, fit-*Times of Malta* tat-13 ta' Settembru 2013 deher artiklu dwar din il-pubblikazzjoni li fih jien kont irrevelajt il-misteru ta' dan il-qabar.

## Ir-Riċerka barra minn Malta

Kont għaddej b'riċerka fuq Massimo Gauci fl-arkivju tan-*National Portrait Gallery*, Gauci hu artist Malti tal-bidu tas-seklu dsadax li ħadem biss barra minn Malta. Iltqajt mad-djarju tal-artist kontemporanju tiegħu George Scharf li kien ħabib tal-familja Gauci. Hawn skoprejt ukoll l-i*sketchbooks* ta' George Junior, it-tifel il-kbir tiegħu, fejn fost il-ħafna *sketches* li kellu ta' Malta kien hemm wieħed bid-data 13 ta' Ottubru 1843 u b'nota taħtu: "*Rocks. 4 miles from Valletta*." Dan kien juri biċ-ċar li George Scharf Junior kien qed jirreferi għal dak li konna nsejħulu l-Qabar tal-Ingliża. Din l-iskoperta qanqlitli kurżità kbira u ma damitx ma wasslitni biex insib id-djarju tiegħu fil-British Library fejn fit-12 ta' Ottubru 1843 kiteb hekk: "*Sketched in colour in the Upper Barracca. After dinner walked out of the*



Oqbra mħaffrin fil-blat f'Lycia fit-Turkija.

*town about four miles to see a tomb cut by Major Yule in the perpendicular rock in Lycian fashion and with good effect*." Dawn l-iskoperti fetħu l-bieb għal xi mistoqsijiet. Minn kien il-Maġġur Yule u għal liema raġuni ħaffer dan il-qabar fil-blat bħal dawk li jinsabu f'Lycia? X'relazzjoni kien hemm bejn Scharf u Yule? U Scharf x'interess kellu f'Malta dak iż-żmien?

Kelli nabbanduna r-riċerka fuq l-artist Malti Massimo Gauci u nikkonċentra fuq din il-linja ta' riċerka ġdida u interessanti, u li għalija kienet skoperta li sa ssolvi l-misteru tal-qabar u tat-traġedja tal-mara Ingliża. Sabiex nibni storja kompleta ridt inkompli nirriċerka fin-*National Archives* tal-Ingilterra (Kew), kif ukoll fl-arkivji tal-*Welcome Foundation Euston Road*. Dan minbarra l-kotba li ridt nikkonsulta fuq l-arkeoloġija ta' Lycia. Minn din ir-riċerka sirt naf li George Scharf waqt li kien Malta għall-ewwel darba f'Marzu tal-1840, kien qiegħed jagħmilha ta' artist imqabbad mill-arkeologu Charles Fellows. It-tnejn kienu fi triqithom lejn ix-xtut tax-Xlokk tat-Turkija għal spedizzjoni f'dik il-parti tal-pajjiż imsejħa Lycia u fil-post fejn tinsab ix-Xmara Xanthos. Hemmhekk, Fellows kien skopra sena qabel, il-qdumijiet tas-seklu ħamsa Q.K. b'karatteristiċi Greko-Persjani u b'identità distinta u bi stil uniku fl-arkitettura tal-oqbra. Kemm dam f'din il-qalba tat-Turkija Charles Fellows għamel sondaġġ dettaljat tal-inħawi bir-rovini li ma kinux magħrufa mid-dinja ċivilizzata u li tant kienu numerużi. Wara li rritorna l-Ingilterra minn din il-biċċa xogħol, Fellows ippubblika l-ktieb *Account of Discoveries in Lycia* illustrat bl-i*sketches* ta' George Scharf. B'din il-pubblikazzjoni l-awtoritajiet tal-*British Museum* malajr urew interess fil-qdumijiet kompletament ġodda u għamlu kulma setgħu biex jakkwistaw permess mill-Gvern Tork biex ikunu jistgħu jħaffru u jġorru dawn il-fdalijiet. Dak iż-żmien il-mużew kien qiegħed jikkompeti ma' mużewijiet oħra Ewropej bħal dawk tal-Louvre, ta' Berlin u ta' Turin biex jakkwista aktar antikitajiet u jpoġġi lil pajjiżhom bħala simbolu ta' poter.

## Charles Fellows jibda l-eskavi f'Xanthos bil-għajnuna tan-Navy Ingliża f'Malta

Charles Fellows irċieva ittra mill-*British Museum* tinfurmah li kienu saru l-arranġamenti mal-Gvern Tork u mal-Ammirall tal-Flotta Ingliża f'Malta biex ikun jista' jibda x-xogħol ta' tiftix u tħaffir. Għall-aħħar ta' Diċembru 1841 wasal Xanthos minn Kostantinopli fuq l-HMS Beacon, vapur tal-qlugħ li kien stazzjonat Malta u li l-Kaptan tiegħu kien Thomas Graves (1802-56). Il-Kaptan Graves kellu ordni mill-Ammirall biex jgħin lil Fellows f'dak kollu li kellu bżonn. Filwaqt li ħmistax-il ruħ mill-ekwipaġġ żbarkaw biex jgħinu lil Fellows, il-

Kaptan Graves telaq jagħmel xogħol ieħor ta' tiftix mal-kosta u li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li Fellows kien qed jistenna. Ix-xogħol ta' tħaffir beda b'entużjażmu u nstabu ħafna bċejjeċ ta' skultura antiki li nġabru u tqiegħdu f'kaxxi magħmulin minn injam ta' siġar li nqatgħu minn fuq il-post. Dawn il-kaxxi tqal twasslu b'ħafna tbatija ħdejn ħalq ix-Xmara Xanthos biex minn hemm jittieħdu Malta fuq l-HMS Beacon. Iżda meta l-Kaptan Graves tfaċċa fl-1 ta' Marzu, dan ipprotesta bl-aħrax li l-vapur tiegħu ma kienx magħmul biex iġorr tagħbija hekk tqila u li ma kellux l-apparat adekwat biex itella' dawn il-kaxxi mill-art għal fuq il-vapur minħabba li dan kellu jżomm distanza 'l barra mix-xmara.

## L-antikitajiet abbandunati fuq ix-xmara Xanthos u l-Maġġur Patrick Yule mqabbad biex jagħti l-għajnuna

Wara li Charles Fellows ħa saħna mal-Kaptan Graves, ma kellux ħaġa oħra x'jagħmel ħlief li jqabbad għassa mill-post mal-kaxxi mimlija antikitajiet u jitlaq lejn Malta fuq l-HMS Beacon. Meta waslu Malta sew il-Kaptan Graves kif ukoll Fellows għamlu rapport lill-Viċi Ammirall Sir Edward Owen li kien għadu kemm laħaq Kmandat tal-Flotta fil-Mediterran. Miż-żewġ rapporti l-Ammirall fehem li l-ispedizzjoni li jmiss għal Xanthos biex jinġarru u jitgħabbew il-kaxxi ta' skultura antika li tħallew l-art mill-Kaptan Graves, kien jeħtiġilha ħafna aktar riżorsi umani, esperjenza teknika, tagħmir, u vapuri akbar. Għalhekk l-Ammirall ordna li l-vapur tal-fwar HMS Medea jintbagħat Xanthos assistit minn vapur akbar, l-HMS Monarch. Fredrick Warden (1807-69), il-Kaptan tal-HMS Medea, kellu jieħu l-kmand tal-ispedizzjoni assistit mill-Maġġur Patrick Yule tar-*Royal Engineers*, li ġie mqabbad għal din il-biċċa xogħol mill-Gvernatur Sir Henry Bouverie. Il-Maġġur Yule, li dak iż-żmien kien stazzjonat Malta għamel lista tat-tagħmir li kien hemm bżonn. Żewġ braken (*pontoons*) inbnew malajr mill-ħaddiema tat-Tarzna. Minbarra forġa, paranki, ħbula, tarjoli, twavel, għodda u tagħmir ieħor ġew magħżula wkoll mija u sittin ruħ miż-żewġ ekwipaġġi biex dan l-eżerċizzju jkun suċċess. Charles Fellows ma kellux għalfejn imur Xanthos u jkun preżenti għat-tagħbija tal-kaxxi, iżda qabel telaq minn Malta għall-Ingilterra wissa lill-Ammirall biex ix-xogħol ma jsirx fix-xhur sħan. Dan minħabba li l-post kien mimli għadajjar u ilma qiegħed li minnu jitnissel nemus marradi.

## L-antikitajiet waslu Malta wara traġedja bil-marda tal-malarja

Iż-żewġ vapuri waslu fuq il-post għal nofs Mejju tal-1842 u madwar mitt kaxxa ta' antikitajiet tgħabbew sal-ewwel ġimgħa ta' Ġunju. Matul dawn il-ftit ġimgħat il-klima laħqet saħnet tant li ħafna mill-membi tal-ekwipaġġ taż-żewġ vapuri qabadhom deni kbir bil-malarja. Il-Medea wasal Malta fil-15 ta' Ġunju bi ħmistax-il membru tal-ekwipaġġ isofru minn deni qawwi kkawżat mill-malarja u b'katavru ta' wieħed li kien miet bl-istess pesta matul il-vjaġġ. Il-Kaptan tal-HMS Monarch, Samuel Chambers, minflok li salpa għal Malta, daħal Pireus, il-Port ta' Ateni. Dan għax numru ta' uffiċjali u baħrin kienu tant morda bil-malarja li ħaseb li ma kinux sa jaslu Malta ħajjin. Tant hu hekk li żewġ uffiċjali laħqu mietu u dawn ġew mogħtija difna bl-unuri militari kollha f'Ateni. Il-Monarch wasal Malta fl-aħħar ta' Ġunju b'disgħa u sittin kaxxa li kien fihom ħafna biċċiet ta' skultura minn dak li jissejjaħ in-*Nereid Monument* u disa' kaxxi li kien fihom il-freġju (*frieze*) tal-irħam ta' monument ieħor imsejjaħ il-*Harpy Tomb*, ma' biċċiet oħra ta' ċangatura mnaqqxin b'disinni ta' annimali li kienu jżejnu l-ħajt tal-belt. Il-kaxxi kollha li waslu mal-Medea u mal-Monarch inħattew u tgħabbew fuq l-HMS Cambridge għal triqithom lejn l-Ingilterra

fejn waslu f'Diċembru 1842. Meta ftit xhur wara dawn l-antikitajiet ġew esibiti fil-*British Museum* qajmu sensazzjoni kbira fil-pajjiż.

L-Ammirall irringrazzja lill-Gvernatur għall-permess tiegħu biex il-Maġġur Yule jkun ta' għajnuna teknika fil-ġbir tal-kaxxi minn fuq ix-xtut tax-Xmara Xanthos. Minkejja s-suċċess tal-ispedizzjoni, il-konsegwenzi tal-malarja fost il-biċċa l-kbira tal-ekwipaġġ taż-żewġ vapuri baqgħu jinħassu ħafna wara. Naraw kif f'artiklu li deher fil-*Malta Mail* tas-17 ta' Marzu 1843, ġie rrapurtat hekk: "*not less than 11 men of HMS Monarch were invalided yesterday, their health being entirely ruined from the effects of the fever caught at Xanthos. Of the 90 sufferers on the list at one time (when the fever ranged in its violence) none have fully recovered, and months will probably elapse ere their health (if ever) be fully restored*." Ix-xorti ħażina messet ukoll lil Samuel Chambers, il-Kaptan tal-Monarch, li miet f'Ottubru tal-1843 konsegwenza tal-malarja li kien tniġġes biha.

## L-ispedizzjoni tal-1843 jieħdu sehem fiha erba' Maltin

Charles Fellows kien ħalla ħafna fdalijiet warajh li ma setax iġorr kemm għax ma kellux biżżejjed nies kif ukoll għax dawn kienu jikkonsistu f'oqbra f'forma ta' monumenti mibnijin b'ġebel u bi rħam kbir u tqil. Dawn ir-rovini kienu dehru spjegati u illustrati fiż-żewġ kotba tiegħu u, għalhekk l-awtoritajiet tal-*British Museum* kienu jafu bihom. F'Mejju tal-1843 ħajruh jipprepara spedizzjoni xjentifika oħra u għal dan l-għan saru arranġamenti mal-Ammirall tal-Flotta Ingliża f'Malta biex jagħtuh kull għajnuna meħtieġa biex il-fdalijiet jinġarru għall-mużew. Fellows malajr aċċetta din l-istedina u fis-27 ta' Settembru wasal Malta akkumpanjat minn George Scharf bħala artist, Rohde Hawkins bħala Perit, George Jackson bħala mgħallem, u t-Taljan Raffaele Cappelli biex jieħu forom tal-ġibs fuq il-post minn xi skultura u graffiti ta' kitba. Partijiet mill-oqbra kienu tant kbar u tqal li Fellows, waqt li kien Malta, ġieħ f'rasu jqabbad erba' ħaddiema tal-ġebel biex meta jaslu fuq il-post jisserraw il-ġebel il-kbir. Dawn kienu Pawlu Micallef, Mattew Borg, Lażżru Pulis, u Filippu Camenzuli, li aktarx kien minn Ħaż-Żebbuġ. Din iċ-ċorma baħrin, artisti u ħaddiema salpaw mal-HMS Medea għal Xanthos fis-16 ta' Ottubru 1843. Ix-xogħol f'din l-ispedizzjoni dam sejjer mill-bidu ta' Novembru sal-aħħar ta' Marzu 1844. Kwantitajiet kbar ta' skultura antika u massiva tgħabbew fuq numru ta' vapuri tal-flotta rjali u twasslu Malta minn fejn il-biċċa l-kbira ttieħdu l-Ingilterra mill-*flagship* HMS Queen.

## Patrick Yule jieħu lil Charles Fellows u lil George Scharf f'Wied Qirda biex jurihom it-tifkira li kien għamel

Meta wasal Malta biex jipprepara din l-ispedizzjoni Fellows dam madwar ġimagħtejn jiddiskuti mal-Viċi Ammirall Sir Edward Owen u mal-Kaptan Frederick Warden tal-Medea biex jara li sew in-nies kif ukoll it-tagħmir kienu se jservu tajjeb għax-xogħol li kien qiegħed jistenniehom. Iltaqa' wkoll mal-Maġġur Patrick Yule li kien ta' għajnuna kbira fit-tagħbija tal-kaxxi. Dan ħadhom f'Wied il-Kbir biex jurihom kopja ta' qabar bħal dawk li ra f'Xanthos. Qalilhom li dan kien ħaffru biex jikkommemora l-biċċa xogħol tal-ġbir u l-ġarr lejn Malta tal-kaxxi mimlijin skultura antika. Dan seta' għamlu fiż-żmien meta wasal lura Malta minn Xanthos, minn Ġunju 1842 sa Settembru 1843. Biex din l-għamla ta' qabar li bħalha jeżistu ħafna f'Lycia ġiet skavata, kellu bilfors jintrama xi ntavlar bil-ħbula ma' wiċċ l-irdum. Dan aktarx ġie maħdum min-nies tal-*Royal Engineers*, taħt is-superviżjoni tal-Maġġur Patrick Yule. F'nofs il-blata tal-bieb tidher imnaqqxa l-ittra "L," li talludi għall-

post fejn din l-għamla ta' oqbra tinsab, jiġifieri Lycia, speċjalment fl-inħawi tal-Belt ta' Mira fejn hemm knisja li fiha San Nikola kien midfun wara li serva ta' Isqof tal-post fis-seklu tlieta W.K.

## Min kien Patrick Yule

Patrick Yule twieled l-Iskozja u bħala żagħżugħ ingaġġa mar-*Royal Engineers*. Ħa sehem fl-aħħar ġlieda li l-Ingliżi kellhom mal-Amerikani fuq il-fruntiera Kanadiża ħdejn in-*Niagara Falls* bejn l-1811 u l-1814 u hemm nqabad priġunier għal madwar tmien xhur. Serva Malta bejn l-1841 u l-1846 u rtira mis-servizz bħala *major general* fl-1855. F'dik is-sena nsibuh bħala *Fellow of the Society of Antiquaries of Scotland* u *Corresponding Member tal-Agrarian Society of Malta*. Fil-bidu ta' April 1858 huwa żżewweġ lil Anna Louisa Best it-tifla ta' Lord Lynford fil-knisja ta' San Ġorġ fi Pjazza Hanover, Londra. Miet f'Edinburgh fl-1873 u kien midfun fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju ta' San Andrija fil-belt żgħira ta' Gullane qrib Edinburgh.

## Vandalizmu u konservazzjoni tas-sit

Hi ħaġa kurjuża kif il-Maġġur Yule ma ħalla l-ebda ħjiel bil-miktub dwar dan il-"qabar," u li ma nsibu xejn dwaru fuq il-ġurnali lokali. Għalhekk sakemm ftaħt ħalqi jien, l-intenzjoni tiegħu kienet għadha mistura wara l-għajdut popolari tal-Qabar tal-Ingliża. Iżda madwar tletin sena ilu, xi ħadd irnexxielu jixxabbat għal ħdejn dan il-qabar u fuq naħa żebagħ b'kulur aħdar u b'ittri kbar il-kelma *FAŻULLA,* u fuq l-oħra ŻIEMEL. Illum dawn il-kelmiet ma jinqrawx għax iż-żebgħa ntfiet biż-żmien, imma t-tiċpisa taż-żebgħa għadha tidher. Billi llum dan il-"qabar" sar parti mill-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ, tkun ħaġa tajba li dan jiġi skedat u mħares minn kull att vandalu. Irrid nispiċċa dan l-artiklu billi nesprimi ruħi u ngħid li dak li għamel Charles Fellows mija u ħamsin sena ilu ma jgħodd xejn għal żminijietna, iżda dawk li jkollhom iċ-ċans li jżuru l-*British Museum* għandhom jaraw u jitgħaxxqu bis-sbuħija ta' dawn ir-rovini li jinsabu fi tliet swali ħdejn l-*Elgin Marbles*. Imbagħad dawk li jinteressaw ruħhom aktar f'dawn il-monumenti jagħmlu bħali u jmorru jarawhom fuq il-post f'Xanthos u fl-ibliet u l-irħula ta' madwar fejn ir-rovini arkeoloġiċi huma ħafna u l-kampanja hi meraviljuża.

Dan kollu qiegħed rekordjat f'pubblikazzjoni bl-isem *Souvenirs and New Ideas* li jiġbor fih sensiela ta' rikordi li jiġu ppublikati darbtejn fis-sena mill-Assoċjazzjoni: *Study of Travel in Egypt and the Near East*.

**Nota:** Joseph Attard Tabone
Twieled ix-Xagħra Għawdex. Riċerkatur tal-Istorja u studjuż tal-arkeoloġija. Skopra numru ta' siti arkeoloġici f'Għawdex inkluż iċ-Ċirku ta' Brocktorff (*Xagħra Circle*). Ippubblika studji dwar arkeoloġija, ambjent u arti u pparteċipa f'konferenzi permezz ta' taħdidiet fuq Storja jew arti f'Malta u Għawdex u f'diversi universitajiet tal-Gran Brittanja, f'Ċipru u fl-Istati Uniti. Għandu għal qalbu l-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali u tal-ambjent naturali u għal dan fl-2001 in-Nazzjon Malti tah il-Medalja għall-Qadi tar-Republika u fl-2008 iċ-*Circolo Gozitano* tah il-Medalja Ġieħ Għawdex.

# Nibżgħu għall-Patrimonju Żebbuġi